MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 297/2008/1

**Ian Pecorella**
***versus***
**Sovereign Caterers Limited u Ronald Azzopardi**

1. Din il-kawża hija dwar il-proċedura taħt l-art. 253 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta’ titolu eżekuttiv ġej minn kambjala jew *promissory note*.

2. B’ittra uffiċjali tal-5 ta’ Marzu 2008 magħmula għall-għanijiet tal-art. 253(*e*) u 256(2) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Ian Pecorella [“l-intimat”] kien sejjaħ lil *Sovereign Caterers Limited* u lil Ronald Azzopardi [“ir-rikorrenti”] sabiex iħallsuh tmintax-il

elf, sitt mija u erbgħa u tletin euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€18,634.98) valur ta' erba' titoli ta' kreditu – li sejħilhom *promissory notes* – maħruġa minnhom. Ippreżenta wkoll kopja tal-*promissory notes* sabiex it-titolu li ġej minnhom isir esegwibbli.

3. B'rikors tas-27 ta' Marzu 2008 ir-rikorrenti talbu illi l-qorti tissospendi l-eżekuzzjoni tat-titoli għal dawn ir-raġunijiet:

i. għax it-titoli li tagħhom l-intimat qiegħed ifittex li jikseb l-eżekuzzjoni ma humiex *promissory notes* iżda kambjalijiet, u jonqoshom wieħed mill-elementi meħtieġa għall-validità ta' kambjali billi ma humiex iffirmati mit-traent;

ii. għax il-kambjalijiet inkisbu mill-intimat b'tehdid u qerq, u għalhekk ma jiswewx; u

iii. għax l-ammont mitlub mill-intimat ma huwiex kollu dovut billi r-rikorrenti għamlu ħlasijiet akkont li ma ġewx meqjusa mill-intimat.

4. B'dikriet mogħti fil-11 ta' Marzu 2009 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tar-rikorrenti wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

«L-ewwel kawżali tar-rikorrenti hija li fuq id-dokumenti in kwistjoni ma hemmx il-firma tat-traent; tali firma hija neċessarja f'każ ta' kambjala iżda mhux f'każ ta' *promissory note*; ir-rikorrenti qed isostni li ladarba fuq id-dokumenti hemm miktub il-kelma "*bill of exchange*", ma hemmx dubbju li dawk huma kambjali. Dwar dan, il-volum awtorevoli, *Byles on Bills of Exchange* jgħid illi:

«"*In general, where an instrument is made in terms so ambiguous that it is doubtful whether it is a bill of exchange or a promissory note, the holder may treat it as either at his option.*" (Edizzjoni 1979, paġna 12).

«Fil-każ in eżami huwa minnu li d-dokumenti jindikaw li huma *bills of exchange.* Fil-fehma tal-Qorti l-importanti huwa dakinhar li ffirma d-dokumenti r-rikorrenti ħoloq rapport ġuridiku ta' debitur fil-konfront tal-intimat, u allura ma jistax issa jiċħad dak ir-rapport – ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet John Giordmaina *vs* Joseph Pace deċiża fis-16 ta' Jannar 2003 fejn il-qorti qalet li meta l-kawża tkun bejn il-partijiet inizjali, u *cioè* li l-kambjala ma tkunx ġiet iġġirata, il-firma tal-kreditur m'hijiex daqshekk importanti għalkemm naturalment id-

debitur jista' jagħti eċċezzjonijiet personali għall-attur. *Oltre* dan il-qorti qalet ukoll li l-attur jista' jekk ikun irid jitlob li jissana d-dokument billi jirtirah u jiffirmah bil-permess tal-qorti.

«Dwar it-tieni lanjanza, ir-rikorrenti qed isostni li l-intimat kien qed jivvessah u jheddu, u għalhekk huwa ċeda biex jiffirma l-kambjali. Minn dak li semgħet u rat għalkemm ma hemmx dubbju li l-intimat insista ħafna mar-rikorrenti biex jitħallas, dan ma jfissirx li b'daqshekk dan tal-aħħar iffirma d-dokumenti taħt pressjoni tali li trendi nulli l-istess dokumenti għaliex miksuba taħt theddid. Huwa normali li kreditur jinsisti li jitħallas meta jinduna li d-debitur qed jaqa' lura fil-ħlas. Għalhekk ma kien hemm xejn stramb f'dan u l-fatt li meta ġew iffirmati l-kambjali jew *promissory notes* ir-rikorrenti kellu miegħu l-avukat li kellu dak iż-żmien jindika li kien jaf x'qed jagħmel il-ħin kollu. Rigward dak li sostna fl-*affidavit* u ttratta l-abbli difensur tiegħu, u *cioè* li l-intimat kien qed jikser il-liġi li jisilfu l-flus, dan m'għandu x'jaqsam xejn mal-validità tal-kambjali u f'kull każ il-qorti ma temmnux meta jgħid li ma kienx jaf li s-self kien bi ksur tal-liġi u sar jaf biss issa – għalhekk *ex turpi causa non oritur actio.*

«Fl-aħħarnett fl-*affidavit* tiegħu stess ir-rikorrent qal li mill-2006 huwa ma ħallas xejn lill-intimat u għalhekk ma hemmx kwistjoni illi parti mis-somma mitluba ġiet imħallsa.»

5. Ir-rikorrenti appellaw minn dan id-dikriet b'rikors tal-1 ta' April 2009. L-aggravji tagħhom ġew imfissra hekk:

«i. Fis-sentenza tagħha l-ewwel onorabbli qorti qalet illi "huwa minnu li d-dokumenti jindikaw li huma *bills of exchange*". L-esponenti għalhekk jissottometti illi l-validità *o meno* ta' dawk il-kambjali għandhom jiġu regolati mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ li jirrigwardaw il-kambjali. Għalhekk in-nuqqas ta' firma tat-traent, li hija meħtieġa *ad essentialiter*, iġġib in-nullità tal-kambjala.

«ii. Dana l-ewwel onorabbli qorti issorvolatu billi qalet illi bil-firma tad-dokumenti l-esponenti ħoloq rapport ġuridiku ta' debitur fil-konfront tal-intimat. Jiġi rilevat illi … … … f'dan il-każ ir-rapport ġuridiku ta' debitur/kreditur ma nħoloqx bid-dokument intestat "kambjala" imma b'negozji anterjuri li ġew ukoll rikonoxxuti bi skrittura privata tad-29 ta' Mejju 2006. Ladarba l-kambjala hija nulla, u ladarba

ma ġietx iġġirata dak id-dokument ikollu biss valenza probatorja, iżda ma jikkostitwixxix kambjala. Tassew huma f'dan is-sens is-sentenzi ta' dawn il-qrati. Il-liġi hija ċara dwar dan. U ladarba hija ċara l-qrati ma jistgħux jinterpretawha mod ieħor.

«iii. Għalhekk filwaqt illi f'kawża l-hekk imsejħa kambjala nulla tista' tiġi użata bħala prova ta' obbligazzjoni hija ma tistax titqies bħala "kambjala" valida, u għalhekk wisq anqas ma tista' tiġi kkunsidrata bħala titolu eżekuttiv għall-finijiet tal-artiklu 253 tal-Kap. 12. Jiġi rilevat illi l-kreditur pussessur tal-kambjali f'dan il-każ ma għażilx illi jissana l-"kambjali" billi jiffirmahom bħala traent. Ladarba hu għażel li ma jagħmilx hekk, allura l-qorti ma tistax tissostitwixxi l-volontà u libertà tiegħu.

«iv. Irid jingħad ukoll li meta l-qorti għamlet riferenza għas-sentenza ta' Giordimaina *vs* Pace u qalet li l-attur/traent jista' jekk ikun irid jitlob li jissana d-dokument billi jirtirah u jiffirmah bil-permess tal-qorti, indirettament ikkonfermat il-principju vestit fil-liġi li biex kambjala tkun valida għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha. Għaldaqstant ma tistax il-qorti tikkonferma l-validità ta' prinċipju u sussegwentement u fl-istess nifs tmur kontrih u tinnegah.

«v. Illi dwar il-lanjanza l-oħra tal-esponenti fis-sens illi l-kunsens tiegħu hu vizzjat minħabba vjolenza, l-esponenti jissottometti illi ġab biżżejjed provi sabiex jiġi stabbilit illi huwa għandu *prima facie* raġuni valida biex jitlob illi l-kambjali jiġu dikjarati nulli wkoll minħabba li l-kunsens tiegħu kien vizzjat.

«vi. Waqt ix-xiehda ġie stabbilit illi l-import tal-kambjali jirrappreżenta tisrif ta' valuta estera. Dan ġie ammess mill-istess intimat fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2009. L-ammont meritu tal-kambjali *de quo* mhux dovut *stante* li l-obbligazzjoni sottostanti ta' dawn id-dokumenti hija irrita, nulla u bla effett għax ibbażata fuq kawża illeċita.

«vii. Skond l-Iskeda tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kapitlu 376 tal-Liġijiet ta' Malta) il-kambju tal-flus huwa kummerċ li għandu jsir minn istituzzjoni finanzjarja u skond l-artiklu 3(1) tal-istess Att ebda kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja ma għandu jsir f'Malta jew minn Malta ħlief minn kumpannija li jkollha liċenza

mogħtija taħt l-Att dwar Istituzzjonijet Finanzjarji, mill-awtorità kompetenti.

«viii. Dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' ordni pubbliku u għalhekk il-ġudikant għandu d-dmir illi jissolleva huwa stess *ex officio* n-nullità ta' obbligazzjoni ibbażata fuq *causa* illeċita bħal dik in meritu. In tema legali jiġi osservat li hu paċifiku fil-ġurisprudenza li hija bia effett kwalunkwe obbligazzjoni magħmula b'kawża illeċita u l-kawża hija illeċita meta hija ipprojbita mil-liġi jew kuntrarju għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku u l-konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess generali. Il-kwistjoni tal-legalià jew le tal-konvenzjoni minħabba kawża illeċita għandha tiġi sollevata mill-qorti *ex officio*. Il-leġislazzjoni fuq affarijiet finanzjarji hi minnha nfisha ta' ordni pubbliku in kwantu hu preżunt li saret fl-interess komuni. Madankollu l-ewwel qorti bħal donnha ma tatx importanza lil dan minkejja li l-esponenti espona dan lill-qorti. Il-prinċipju *ex turpi causa non oritor actio* huwa tassew applikabbli għall-intimat. Dan ma jistax jipproċedi quddiem qorti biex jesegwixxi obbligazzjoni mniġġsa bit-turpitudni tiegħu stess. Iżda l-ewwel onorabbli qorti minflok applikat dan il-prinċipju għal min qed jittanta jesegwixxi obbligazzjoni bażata fuq kawża illeċita, applikatu għad-debitur u ssanzjonat obbligazzjoni bażata fuq illegalità li tmur kontra l-ordni pubbliku.»

6. L-intimat wieġeb fil-25 ta' Mejju 2009 u, qabel ma fisser ir-raġunijiet għala, fil-fehma tiegħu, l-appell għandu jiġi miċħud, ressaq l-eċċezzjoni preliminari illi d-dikriet tal-11 ta' Marzu 2009 ma jistax isir appell minnu. Ir-raġuni għal din l-eċċezzjoni fissirha hekk:

«Il-projbizzjoni li tali sentenza tkun appellabbli hija wkoll, fil-fehma tal-appellat, infraskritta (*sic*) mhux biss fir-*ratio* wara l-artikolu 253 tal-Kap. 12 iżda fil-qari tal-istess artikolu li fil-parti rilevanti tiegħu jistipula illi: "*B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skond il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha ... … …*". L-aktar intepretazzjoni naturali għal dan l-artikolu hija dik illi l-inappellabilità mhix biss applikabbli fiċ-ċirkostanza illi t-talba għall-eżekuzzjoni tiġi sospiża b'suċċess iżda wkoll meta t-talba għall-eżekuzzjoni ma tiġix milqugħa. L-

inappellabilità ta' dan l-artikolu, *ossia* l-finalità tas-sentenza pronunzjata dwar il-kambjali jew *promissory notes* u l-enforzabilità tagħhom, hija waħda u finali fiż-żewġ ċirkostanzi kif kontemplati u mhux fil-waħda iżda mhux fl-oħra. Kwalunkwe interpretazzjoni oħra, bir-rispett, tmur proprju kontra r-*ratio* tal-istess artikolu li ġie introdott sabiex tingħata għodda lill-kreditur li permezz tagħha jkun faċilment jista' jenforza dak li jirriżulta li hu titolu validu li jintitolah għall-ħlas. M'hemm ebda raġuni għaliex il-leġislatur ried jeskludi l-possibilità tal-appell meta fil-fatt l-eżekuzzjoni tiġi b'suċċess sospiża iżda mhux meta s-sospensjoni għal tali eżekuzzjoni ma tiġix milqugħa. Tali distinzjoni ma tirriżulta fondata f'ebda raġunament u l-unika interpretazzjoni valida għal dan l-artikolu tal-liġi hija li s-sentenza li tilqa' jew tiċħad is-sospensjoni hija fiż-żewġ każijiet inappellabbli. Din l-interpretazzjoni biss tikkombaċċja mar-*ratio* li fuqu ġiet ibbażata l-introduzzjoni ta' dan l-artikolu, u *cioè* biex titħaffef l-ispeditezza li biha kreditur jista' jitħallas dak li min-natura tad-dokument – li jkun jew kambjala jew *promissory note* – jirriżulta li huwa intitolat għalih.»

7. Din il-qorti ma taqbilx mar-raġunament tal-intimat. Il-liġi tgħid espressament illi ma jkunx appellabbli d-dikriet li jissospendi l-eżekuzzjoni; *a contrario sensu*, id-dikriet li jiċħad it-talba għas-sospensjoni huwa appellabbli. U dan jagħmel ħafna sens. Il-proċedura taħt il-*proviso* għall-art. 253(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma hijiex maħsuba biex tingħata deċiżjoni finali fuq il-validità tat-titolu, iżda biss biex, jekk tirnexxi, tissospendi l-eżekuzzjoni tiegħu. Jekk is-sospensjoni tingħata, il-kreditur ikollu rimedju għax jista', kif tgħid il-liġi stess, jipproċedi b'kawża għall-kanonizzazzjoni tat-titolu tiegħu. Jekk iżda s-sospensjoni ma tingħatax, u titħalla li ssir l-eżekuzzjoni, id-debitur jibqa' bla rimedju wara proċedura li tkun qieset biss jekk *prima facie* għandux raġuni tajba biex jopponi l-eżekuzzjoni. Għalhekk huwa xieraq illi f'dawk iċ-ċirkostanzi d-debitur ikollu għall-inqas jedd ta' appell.

8. L-eċċezzjoni tal-intimat appellant hija għal dawn ir-raġunijiet miċħuda.

9. Fil-meritu, il-kwistjoni hija jekk it-titolu tal-intimat huwiex kambjala jew *promissory note*. Ir-rikorrenti jgħidu

li għandek tħares lejn il-forma u lejn dak li jidher fuq it-titolu stess, u t-titolu jgħid espressament li hu "*bill of exchange*". Għalhekk, igħidu r-rikorrenti, jeħtieġ *ad validitatem* l-elementi kollha msemmija fl-art. 123 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, li jrid *inter alia* illi l-kambjala "għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha".

10. L-ewwel qorti qalet illi jekk ma jkunx hemm din il-firma tat-traent il-kambjala tista' tkun tiswa bħala *promissory note* jekk ikun hemm l-elementi meħtieġa għalhekk għax, fil-fehma tagħha, "l-importanti huwa [illi] dakinhar li ffirma d-dokumenti, ir-rikorrenti ħoloq rapport ġuridiku ta' debitur fil-konfront tal-intimat". L-intimat jaqbel ma' dan l-argument u jgħid illi t-titoli huma fil-fatt *promissory notes*.

11. Din il-qorti ma tarax il-ħtieġa li tara jekk l-argument tal-intimat, li miegħu qablet l-ewwel qorti, huwiex tajjeb jew le, u jekk kambjala "mankata" tistax tgħaddi bħala *promissory note* għax, fil-fehma ta' din il-qorti, l-argumenti kollha huma mibnija fuq il-premessa żbaljata illi t-traent tal-kambjala huwa l-intimat, li ma iffirmahiex.

12. Fil-fatt l-erba' kambjalijiet[1] li dwarhom saru dawn il-proċeduri nġibdu mhux mill-intimat Ian Pecorella iżda mir-rikorrenti *Sovereign Caterers Limited* u Ronald Azzopardi fuqhom infushom u favur l-intimat Ian Pecorella. Mela t-traenti – *drawers* – huma r-rikorrenti li, billi ġibdu l-kambjala fuqhom infushom, huma wkoll it-trattarji – *drawees*; l-intimat huwa l-benefiċjarju – *payee*. Ir-rikorrenti iffirmaw il-kambjalijiet bħala traenti fuq in-naħa tal-lemin isfel, u għalhekk hija żbaljata l-permessa li l-kambjalijiet ma humiex iffirmati minn min ġibidhom. Ir-rikorrenti – issa bħala trattarji – reġgħu iffirmaw fuq il-ġenb tax-xellug biex jaċċettaw il-kambjalijiet, u għalhekk saru wkoll aċċettanti. Il-firma tal-intimat bħala benefiċjarju ma hijiex meħtieġa; kienet tkun meħtieġa biss li kieku l-kambjala ġiet minnu ġirata favur terzi, li ma huwiex il-każ.

13. Mela ma hemm ebda firma nieqsa fuq il-kambjalijiet: dawn għandhom il-forma tajba kif trid il-liġi u r-rikorrenti huma marbutin fuqhom: meta iffirmaw biex ħarġuhom intrabtu bħala traenti, u meta reġgħu iffirmaw biex aċċettawhom intrabtu bħala aċċettanti.

---

[1] *Foll.* 5 *et seqq.*

14. L-aggravji msejsa fuq il-forma tal-kambjalijiet huma għalhekk miċħuda.

15. L-aggravju dwar il-vjolenza huwa, fil-fehma ta' din il-qorti, fieragħ. Kif jidher mill-*affidavit*[2] tar-rikorrent Ronald Azzopardi stess, din il-vjolenza kienet biss insistenza u pressjoni, mill-intimat u martu, fuq ir-rikorrent Azzopardi u martu biex ir-rikorrenti jiffirmaw il-kambjalijiet. Saret ukoll pressjoni fuq Azzopardi minn martu stess biex "jeħles" mill-intimat[3] sakemm fl-aħħar, fi kliemu, "ma flaħtx aktar għal dan l-inkwiet u pressjoni u ċedejt"[4]. Li kreditur jinsisti, ukoll b'ċerta fittaġni, li jitħallas, għalkemm id-debitur jista' jikseb rimedji kontrieha biex il-kreditur ikun imġiegħel iħallih fil-kwiet u jinqeda biss b'*vie di diritto*, ma hijiex fiha nfisha vjolenza li twassal għan-nullità ta' negozji ġuridiċi. Lanqas ma hemm provi ta' vjolenza fiżika jew morali – anzi, meta iffirma l-kambjalijiet ir-rikorrent kien megħjun mill-avukat tiegħu[5] li żgur ma kinitx tħalli li l-klijent tagħha jiffirma għax imġiegħel bi vjolenza – u t-tehdid li jsemmi r-rikorrent – kif jidher mill-ittra tal-avukat tiegħu tal-10 ta' Novembru 2004[6] – hija "*threat to issue garnishee orders*". Ċertament, li kreditur jgħid illi jekk ma jitħallasx sejjer jinqeda bil-mezzi li tagħti l-liġi ma jistax jitqies tehdid li jivvizzja l-kunsens.

16. L-aggravju dwar il-vizzju tal-vjolenza huwa għalhekk miċħud.

17. L-aħħar aggravju hu illi l-kambjalijiet għandhom kawża illeċita, għax id-dejn inkorporat fihom huwa ġej minn negozju fi flus barranin, bi ksur tal-art. 3(1) tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap. 376), li jgħid illi "ebda kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja ma għandu jsir f'Malta jew minn Malta ħlief minn kumpannija li jkollha liċenza mogħtija taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti", waqt illi l-para. 7(*b*) tal-Ewwel Skeda tal-Att igħid illi fost l-attivitajiet li jitqiesu ta' istituzzjonijiet finanzjarji hemm "negozju li

---

2 *Foll.* 19 *et seqq.*

3 Para. 25 tal-*affidavit* ta' Ronald Azzopardi, *fol.* 23.

4 Para. 26, *ibid.*

5 Ara x-xiehda ta' Ronald Azzopardi fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2008 quddiem l-ewwel qorti, *fol.* 90.

6 *Fol.* 50.

persuna tagħmel f'isimha jew f'isem il-klijenti … … … fil-kambju ta' flus barranin".

18. L-intimat ma ċaħadx li lir-rikorrenti kien isarrfilhom flus barranin iżda jgħid illi dan ma kienx jagħmlu b'mod regolari jew abitwali biex jitqies "kummerċ":

«L-artikolu 3(1) jitkellem dwar *kummerċ ta' istituzzjoni finanzjarja* – il-kelma "kummerc" fiha nfisha diġà tindika illi persuna trid tkun qiegħdha twettaq xi attività b'mod pjuttost regolari biex wieħed jista' jgħid li qiegħda tagħmel negozju fuq bażi ordinarja jew bħala komponent prinċipali tal-attivitajiet tagħha. *Inoltre* l-fattur ta' regolarità u abitwalità tat-twettiq ta' attività partikolari huwa espressament rikjest fit-tifsira ta' istituzzjoni finanzjarja fl-art. 2 tal-Kap 376.

«It-terminu istituzzjoni finanzjarja skond il-Kap 376 ifisser "kull persuna li b'mod regolari jew abitwali tikseb *holdings* jew twettaq xi attività mniżżla fl-Iskeda akkont u għar-riskju tal-persuna li tkun qed twettaq dik l-attività".

«Jidher mill-ewwel illi biex persuna tista' tinghad illi hija istituzzjoni finanzjarja trid twettaq:

«1. attività mniżżla fl-iskeda; u

«2. tali attività b'mod regolari jew abitwali; u

«3. akkont u għar-riskju tagħha stess.

«Huwa car ir-*ratio* tal-leġislatur: mhux kull min jislef il-flus jew jagħmel kambju ta' flus akkont u għar-riskju tiegħu huwa istituzzjoni finanzjarja, iżda jrid ikun qiegħed iwettaq l-attività ta' self, kambju ta' flus (jew attività oħra fl-iskeda) b'mod regolari jew abitwali.»

19. Dan, iżda, *se mai*, jista' jfisser illi l-intimat ma huwiex istituzzjoni finanzjarja u mhux li *de facto* ma jagħmilx negozju li tista' tagħmlu biss istituzzjoni finanzjarja. Fil-fatt, iżda, l-intimat stess xehed illi kien isarraf flus għar-rikorrenti mis-sena 2000 sal-2004[7], u meta tara n-numru ta' dawn in-negozji kif elenkati fil-para. 16 tal-*affidavit* ta' Ronald Azzopardi[8] trid bilfors tgħid illi dan in-negozju kien mhux biss għal żmien x'aktarx twil iżda wkoll x'aktarx regolari.

20. F'dan l-istadju l-qorti trid tara biss jekk hemmx raġunijiet gravi biżżejjed biex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-

---

[7] Para. 6 tal-*affidavit* ta' Ian Pecorella, *fol.* 60.

[8] *Foll*. 21 *et seq.*

kambjalijiet u mhux biex tħassarhom. Dak l-eżerċizzju jsir fil-kawża li jiftaħ il-kreditur jekk it-talba għas-sospensjoni tintlaqa'. Il-qorti hija tal-fehma illi jidher, għall-inqas *prima facie*, illi tassew illi l-intimat mar-rikorrenti kien jagħmel negozju ta' kambju ta' flus barranin, u dan huwa biżżejjed biex tissospendi l-eżekuzzjoni tat-titolu għax seta' jtebba' l-*causa* tal-ħruġ tal-kambjali b'illegalità.

21. L-ewwel qorti qalet illi, ukoll jekk il-*causa* għall-ħruġ tal-kambjalijiet kienet waħda illeċita, ir-rikorrenti kienu kompliċi fl-illegalità u għalhekk ma jistgħux jinqdew b'dik l-illegalità biex jiksbu s-sospensjoni għax *ex turpi causa non oritur actio*. Dan ir-raġunament iżda huwa ħażin għax, għalkemm ir-rikors tallum għamluh ir-rikorrenti, huwa l-intimat illi beda l-proċedura – maħsuba biex tissostitwixxi kawża – għall-ħlas u għalhekk huwa l-intimat li jitqies *actor*. *Se mai*, il-prinċipju li jgħodd għall-każ huwa *in pari causa turpitudinis melior est condicio possidentis*.

22. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hija tal-fehma illi hemm raġuni gravi biżżejjed biex tissospendi l-eżekuzzjoni, u għalhekk tilqa' l-appell, tħassar id-dikriet tal-11 ta' Marzu 2011 u tilqa' t-talba magħmula bir-rikors tas-27 ta' Marzu 2008 għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjalijiet imsemmija fl-istess rikors. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jħallashom l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------